# Il-verita' dwar l-operat tal-Fundazzjoni Adeodata Pisani

Minn

**Emily Barbaro-Sant**

Mehud minn
**Il-mument**
**Il-Hadd 21 ta' Settembru 2008**
**16-17**

UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY

Main Library

Class Mark MZU: PQQ P.B576B

No. of Volumes one

Remarks

REFERENCE

*316240*

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# Il-verità dwar l-operat tal-Fundazzjoni Adeodata Pisani

minn **Emily Barbaro-Sant**

Fis-26 ta' Frar ta' din is-sena (2008), l-għada tal-festa liturġika tal-Beata M. Adeodata Pisani OSB, ġiet f'idejja t-tieni edizzjoni (Pubblikazzjoni Benedittina 2001/1) li tittratta l-ħajja tal-Beata Adeodata Pisani miktuba minn Joseph Flask. L-ewwel edizzjoni ħarġet fl-1992.

It-tieni edizzjoni tittratta l-ħajja tal-Beata minn twelidha sa mewtha, il-Monasteru Benedittin tal-Imdina, il-Proċess Appostoliku u tkompli bl-Iżviluppi li eventwalment wasslu għall-Beatifikazzjoni ta' Sr Adeodata Pisani fid-9 ta' Mejju 2001 mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

Meta l-awtur kiteb dwar l-Iżviluppi li wasslu għall-Beatifikazzjoni, ma kienx dejjem fidil mal-fatti kif ġraw. X'aktarx li ċertu tagħrif kien mogħti lilu minn min ma kienx daqshekk intiż jew familjari mal-istorja. Billi jiena kont involuta b'mod dirett fil-ħidma tal-Kawża tal-Ven. M. Adeodata Pisani sa mill-bidu (1988) li Arthur Barbaro-Sant kien maħtur Koordinatur, sakemm twaqqaf mill-Kurja fl-1997, hassejtu dmir tiegħi li nieħu r-responsabbiltà fuq spallejja li nikkoreġi informazzjoni żbaljata, jew tagħrif ieħor li seta' ġie miftiehem b'mod ambigwu. Dawn l-ineżattezzi fil-konfront tal-operat tagħna, ta' xi benefatturi tal-Kawża u tal-Fundazzjoni Adeodata Pisani, reġgħu fetħu pjagi, li bħala familja sofrejna ħafna minħabba fihom.

Ġbidt l-attenzjoni tas-Sur Flask bħala l-awtur tal-pubblikazzjoni msemmija u ta' oħra miktuba minnu bl-Ingliż (kif irriżultali aktar tard), u f'ġieħ is-sewwa u l-verità u b'rispett lejn il-Beata Adeodata u d-devoti tagħha, kif ukoll minħabba l-fatt li s-Sur Flask ma riedx imeri lilu nnifsu, is-Sur Flask u jiena, qbilna bejnietna, li għandi nippubblika l-fatti tal-istorja, kif tassew ġraw.

***Pag. 21 para. I: Tkomplija tal-Kawża:*** Kontra dak li nkiteb mis-Sur Flask, il-fatti kienu hekk: Fin-nuqqas ta' Postulatur mill-Ordni Benedittin, Padre Pasquale Magro OFM Conv. (neputi tal-Badessa Agata Sammut), issuġġerixxa lill-Professur Padre Ernesto Piacentini OFM Conv. kollega tiegħu fil-kunvent ta' Ruma, bħala Postulatur.

L-awtur kiteb hekk: ***"Minnufih is-Sur Barbaro-Sant holoq Kummissjonijiet... li twaqqfu ħesrem mingħajr raġuni mhux magħrufa"***: Arthur Barbaro-Sant waqqaf il-Kummissjoni Devozzjoni, Finanzi u Media. Kienu jiltaqgħu fil-Monasteru tal-Imdina fil-preżenza tal-Badessa u s-Segretarja tagħha. Wara 3 laqgħat, il-Badessa qalet lil Arthur Barbaro-Sant li l-mandat ta' Koordinatur tawh lilu u li l-Komunità ma xtaqitx li jkun hemm daqshekk nies fil-Monasteru. Żiedet tgħidlu, li l-Komunità xtaqet li x-xogħol isir minnu bil-għajnuna tiegħi.

L-awtur semma l-parteċipazzjoni ta' Patri Alessandru Bonnici OFM Conv. Patri Alessandru attenda darba u permezz ta' biljett li bagħtilna, għarrafna li mhux ser jattendi aktar.

***Il-ħatra tal-Koordinatur:*** Fil-laqgħat li Arthur Barbaro-Sant kien ikollu mal-Badessa għal raġunijiet purament personali, hija ġieli kellmitu fuq il-Ven. Adeodata Pisani u l-Kawża tagħha li kienet waqfet ħesrem għal raġunijiet finanzjarji. Darba oħra tatu ktieb dwar il-ħajja ta' Sr Adeodata miktub minn Mons. Vincenzo Sardi biex jaqrah. Aktar tard, il-Badessa għarrfitu li hi, flimkien mal-Kunsill tagħha qablu, li jaħtruh Koordinatur biex imexxi 'l quddiem il-Kawża ta' Adeodata Pisani. Arthur Barbaro-Sant m'aċċettax għax ma kien jaf xejn dwar is-suġġett. Iżda l-Badessa nsistiet u qaltlu: "Inti tidher bniedem intelliġenti u żgur li ssib tarf u tasal".

***Pag. 22 para I: L-Urna li fiha tqiegħdu l-fdalijiet ta' Adeodata.*** Il-benefatturi tal-Kawża kienu ħafna u ħafna. Min kien jagħti flus u min kien jagħti xogħol. L-urna li fihom tqiegħdu l-fdalijiet ġiet tiswa lill-Kawża madwar Lm450, u ma kenitx donazzjoni kif qal is-Sur Flask.

Kien żball li s-Sur Flask isemmi benefattur wieħed (anke kieku kien il-każ) u jħalli barra lil min, b'xogħlu, ta aktar minn Lm5,000.

Nieħu din l-okkażjoni biex nagħti xi tagħrif dwar l-urna li jista' jkun ta' interess għall-qarrejja: Il-Koordinatur inkariga lil Publio Agius biex jagħmel id-disinn tal-urna. Wara li kiseb it-tagħrif meħtieġ dwar il-ħajja ta' Sr Adeodata, id-disinjatur ipprova juri l-karizma tagħha fid-disinn billi daħħal il-ħobża simbolu tal-imħabba tagħha lejn il-proxxmu u l-grada li fissret il-ħajja klawstrali li għexet.

Oriġinarjament fl-urna kellha titħalla fetħa mgħottija bi ħġieġa biex il-kranju ta' Sr Adeodata jibqa' jidher. Il-Postulatur kien tal-fehma li l-urna tkun magħluqa kollha għax id-devoti setgħu jistkerrħu d-dehra tal-għadam. Bi ftehim ma' l-iskultur, l-urna nħadmet f'panewijiet biex f'każ li 'l quddiem jiġi deċiż li ssir il-fetħa biex il-fdalijiet jidhru, ma ssirx ħsara fl-urna. Wara l-Beatifikazzjoni, l-urna nfetħet mingħajr ma saret ebda ħsara fl-istruttura tagħha.

***Para. Ii: "Il-ħatra ta' Sr Giustina Bonello bħala Badessa fissret aktar libertà għall-ħidma mwettqa mill-Koordinatur".*** Din l-allegazzjoni jista' jkollha tifsira ambigwa. Il-Komunità Benedittina (kienet min kienet il-Badessa), dejjem urietna rispett u fiduċja għax raw fina onestà, sinċerità u tħabrik fl-operat tagħna. Kien biss meta ndaħal xi ħadd minn barra li ma kellux interess fil-Kawża, (kif stqarr hu stess), li bdew iseħħu ġrajjiet dolorużi.

Is-Sur Flask kiteb li wara dan it-tibdil (minn Badessa għal oħra), ***il-Koordinatur beda jiffirma wkoll iċ-ċirkularijiet li jintbagħtu bħala stedin għall-funzjonijiet:*** Biex id-diskors ikun ċar, kienet ix-xewqa tal-Badessa Bonello li dehrilha li kien jagħmel aktar sens li ċ-ċirkularijiet jiġu ffirmati mill-Koordinatur, speċjalment għal stedin barra l-Monasteru.

***"Is-Sinjuri Barbaro-Sant kabbru l-kuntatti tagħhom barra minn Malta u komplew isaħħu l-appoġġ li kellhom mill-Kardinal Pietro Palazzini"***: Il-fatti kienu hekk: Mons. Injazju Sciberras Psaila introduċiena mal-Kardinal Pietro Palazzini li kien għadu kif irtira minn Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin. Kien l-istess Kardinal li ssuġġerielna lill-Mons. José Luis Gutierrez bħala *Relatore*, u lil Enrico Venanzi bħala avukat għall-Kawża. Aktar tard, il-Kardinal Palazzini, tant ħa interess, li aċċetta li jikteb artiklu bl-isem *La Ven. Maria Adeodata Pisani – una mammola nell'isola di Malta.* Dan l-artiklu, barra li hu parti mill-*POSITIO SUPER VIRTUTIBUS*, ġie ppubblikat fir-rivista spiritwali tal-Patrijiet Benedittini *La Scala* fl-1992.

Il-kuntatti tagħna f'Ruma kienu neċessarji għax f'Malta ħadd ma għaraf jurina direzzjoni. Jekk irrid inkun fidila lejn il-verità, irrid ngħid, li f'Malta, ħlief tfixkil ma sibniex. Ir-*Relatore*, Mons. José Luis Gutierrez, kien dejjem jgħidilna: "*Kull kuntatt, żgħir kemm hu żgħir, jgħodd*". U aħna mxejna fuq il-pariri tiegħu.

***Para. Iii: "Il-POSITIO kienet lesta fl-1994".*** Xieraq li jiġi ċċarat ukoll dan il-punt. F'Lulju 1994, jiena mort Ruma personalment biex nirtira l-manuskritt mingħand l-Avukat Venanzi fuq struzzjonijiet ta' Mons. Gutierrez. Inrodd ħajr għall-għajnuna tiegħu fil-Latin lill-Mons. Carmelo Cassar (Birkirkara) u lill-Mons. Salv. Borg (Victoria) u lill-Kan. Carmelo Curmi (Munxar) li għenu fit-test tat-Taljan u tal-Malti. B'hekk seta' jitħaffef il-*proof reading* u l-istampar. Interessanti li l-qarrejja jkunu jafu, li fuq talba ta' Arthur Barbaro-Sant, il-*POSITIO SUPER VIRTUTIBUS*, għall-ewwel darba fl-istorja, ma ġiex stampat Ruma, imma ġie stampat għand l-*A & M Printing* tal-Qala, Għawdex. B'hekk ġew iffrankati eluf kbar ta' liri. Ġie finalment ippreżentat fil-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma, fis-17 ta' Jannar 1995.

***Pag. 23 para I: Il-Miraklu abbinat mal-Beatifikazzjoni:*** Għall-istorja jrid jingħad li fil-*POSITIO* l-antik hemm imsemmija li saru 3 mirakli bl-interċessjoni tal-Ven. Adeodata. Dawn saru f'Subiaco l-Italja, f'Santu Spirtu r-Rabat u fl-Imġarr, Malta. Il-Postulatur Piacentini deherlu li kellu jagħżel il-miraklu li sar f'Subiaco mal-Badessa Benedittina Giuseppina Damiani u jabbinah mal-Beatifikazzjoni, mhux għax "***determinanti***" kif kiteb l-awtur, imma għax ried juri li d-devozzjoni lejn Adeodata, kienet mifruxa wkoll, barra minn xtutna. Intgħażel il-miraklu ta' Subiaco, minkejja, li ż-żewġ mirakli l-oħra, skont il-Postulatur Piacentini, huma "isbaħ".

***Pag. 24 para I: L-aħħar żviluppi: "Ħafna tamiet, wegħdiet, iżda baqa' ma sar xejn..."*** Wara kull funzjoni, il-Koordinatur kien ikompli jħeġġeġ għad-devozzjoni lejn Adeodata u jagħti relazzjoni dwar l-istat tal-Kawża, Dejjem qal il-fatti mingħajr tamiet jew wegħdiet żejda, kif allega s-Sur Flask. Li tgħid li ***"baqa' ma sar xejn"*** hu żball u ingratitudni kbira diretta lejn min ħadem bla heda biex seħħet il-



għal paġna 17

